MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Talba Numru. 1945/2004

**Atlas Insurance Limited [C 15239], de proprio kif ukoll kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**Vs**

**Sullivan Maritime Limited., bhala agent tas-socjeta' estera Atlantica SpA di Navigazione, armatur u/jew noleggjatur tal-bastiment "M.V. Eurostar Valencia"**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta'

mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm262.58c) rapprezentanti danni subiti b'rizultat ta' importazzjoni ta' sittax-il vettura Peugeot li waslu Malta fis-7 ta' Novembru, 2003 fuq il-vapur M.V. Eurostar Valencia.
Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li s-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici minhabba li hi qdiet l-obbligi taghha kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi s-socjeta' attrici ghandha ggib prova tas-surroga mehtiega favur taghha. Li t-talba in konnessjoni mas-*survey fees* relattiva ghandha tigi michuda stante li ma tezisti l-ebda prova ta' l-istess u inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa eccessiv.

Sema' x-xhieda ta' Jonathan Satariano, John Falzon, Peter Saliba u ta' Emanuel Portelli.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Joseph Zammit McKeon ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Carlo Bisazza ghas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Michael Attard Limited importa sittax-il vettura Peugeot li waslu Malta abbord il-vapur M.V. Eurostar Valencia fis-7 ta' Novembru, 2003. Il-polza ta' karigu a fol 30 tal-process ma fiha l-ebda rimarki negattivi u ghalhekk huwa presunt illi s-socjeta' konvenuta rceviet il-vetturi minghajr hsarat jew nuqqasijiet. Meta l-vetturi nizlu minn fuq il-vapur sar Joint Tally kif jirrizulta mix-xhieda ta' Jonathan Satariano u dan il-Joint Tally fir-rigward tal-vetturi Peugeot ukoll huwa minghajr ebda rimarki negattivi.

Gara illi meta l-vetturi hargu mill-port fil-11 ta' Novembru, 2003 kien hemm hsarat fi tnejn minnhom izda meta waslu

ghand il-klijent irrizultaw aktar hsarat, kif jirrizulta fid-dokument a fol 28 tal-process.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-vetturi in kwistjoni gew ikkonsenjati lis-socjeta' konvenuta minghajr l-ebda hsarat u nuqqasijiet izda mill-Joint Tally Sheet jirrizulta illi hija kkonsenjat il-vetturi in kwistjoni lil The Cargo Handling Company Limited minghajr ebda hsarat u nuqqasijiet u inoltre, ma ngabu l-ebda provi li b'xi mod jistghu jdajfu jew ixejnu l-kredibbilta' tal-Joint Tally Sheet u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux alternattiva li f'dan il-kaz, is-socjeta' konvenuta qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi u ghalhekk fil-mertu t-talba attrici ghandha tigi respinta.

Saru sottomissjonijiet dwar l-ispejjez tal-kawza u dan billi s-socjeta' attrici rrilevat illi kieku hija kellha l-Joint Tally Sheet f'idejha qabel ma gietipprezentata l-kawza hija kienet tirregola ruhha diversament.

Huwa maghruf illi l-Joint Tally Sheet ikun f'idejn il-persuna li tkun qed taghmlu, jigifieri f'dan il-kaz, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta u The Cargo Handling Company Limited.  Jirrizulta li qabel ma saret il-kawza s-socjeta' konvenuta ma tatx kopja tal-Joint Tally Sheet lis-socjeta' attrici u ghalhekk is-socjeta' attrici ma setghetx tkun taf x'fih il-Joint Tally Sheet qabel ma giet istitwita l-kawza u tela' jixhed Jonathan Satariano.

Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss illi s-socjeta' konvenuta ghandha terfa' parti mir-responsabbilta' ghar-rigward tal-kap ta' l-ispejjez, billi bin-nuqqas taghha li hija tikkonsenja l-Joint Tally Sheet lis-socjeta' attrici a tempo vergine, hija nduciet lis-socjeta' attrici f'sitwazzjoni li ma kellhiex alternattiva hlief li tipprocedi gudizzjarjament, kif fil-fatt ghamlet.

Illi ghalhekk, minkejja li t-talba attrici fil-mertu sejra tigi michuda, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-talba attrici, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------